# Il-Firda taż-Żwieġ ta' Napuljun ma' Ġużeppina

*Studju ċkejken fuq is-siwi tiegħu*

*Tal*-Prof. P. P. Tabone, o.f.m.

KIENU d-9 ta' Marzu, 1796, meta l-Imperatur Napuljun Bonaparti żżewweġ ċivilment ma' Ġużeppina Tascher de la Pagerie, armla tal-Ġeneral Beauharnais. Ftit taż-żmien wara, mhux biss f'Pariġi imma fi Franza kollha, ġriet ix-xniegħa li Napuljun kien sejjer isewwi u jwettaq dan iż-żwieġ tiegħu quddiem il-Knisja, u dan ġara sewsew lejlet l-inkoronazzjoni tiegħu minn idejn il-Papa Piju VII fl-1 ta' Diċembru, 1804, meta l-Kardinal Fesh, li kien jiġi minnu, żewweġ lil Napuljun u Ġużeppina fid-dar privata tagħhom ġewwa Tuilivies.

Iżda ġara li l-Imperatur, imgħolli u mdejjaq għax ma kellux tfal minn Ġużeppina, qatagħha li jinfired għal dejjem minn martu. U dan ġara fl-1809, u fil-15 ta' Diċembru ta' l-istess sena tħabbret uffiċjalment din il-firda u, l-għada, is-Senat ta' Franza, b'76 vot kontra 10, wettaq din il-firda fl-isem ta' l-Istat.

L-Imperatur issa waħħalha f'rasu li jiżżewweġ ma' waħda mill-familji għoljin u l-iktar antiki, u għalhekk għażel lil Marija Lwiża, bint Franġisku, l-Imperatur ta' l-Awstrija.

Iżda Napuljun kien jaf li l-Qorti ta' l-Awstrija ma kenitx tilqa' dan iż-żwieġ tiegħu ma' Marija Lwiża qabel ma l-Knisja ma tħollx iż-żwieġ tiegħu ma' Ġużeppina. Għalhekk fit-22 ta' Diċembru, 1809, Napuljun ressaq il-kawża quddiem il-Qorti tal-Knisja ġewwa Pariġi u, fid-9 ta' Jannar, 1810, l-Uffiċjal tad-Djoċesi, l-Abbati Boilesve, ta s-sentenza u qal li l-ewwel żwieġ ma' Ġużeppina ma kienx jiswa. Din is-sentenza, imbagħad, kif kienu u għadhom jitolbu l-liġijiet tal-Knisja, ġiet imwettqa minn Qorti oħra, il-Qorti metropolitana, quddiem l-Abbati Lejais, u hekk l-Imperatur, b'rasu mistrieħa, iżżewweġ ma' l-Arċidukessa Marija Lwiża bil-pompa kollha ġewwa Pariġi fit-2 ta' April ta' l-istess sena, fil-waqt li Ġużeppina telqet inkiss inkiss lejn Malmaison.

Issa nieqfu ftit u naraw x'diffikultajiet jistgħu jsiru fuq dan il-proċess bit-tama li dan id-daqsxejn ta' studju jista' jkun ta' siwi lil min iħobb jew jistudja l-liġi tal-Knisja.

Ibda biex il-Qorti tal-Knisja ta' Pariġi kellha setgħa li tibda dan il-Proċess? Hi ħaġa żgura li l-kawżi tal-Kapijiet ta' l-Istat, ta' wliedhom u tal-werrieta, jistgħu jiġu mistħarrġa biss mill-Papa: inkella s-sentenza ma tkunx tiswa (ara l-Kanoni 1557). Din il-liġi kienet teżisti wkoll f'dak iż-żmien u iktar u iktar fi Franza kattolika. Mela din il-kawża għax ma ħadhiex f'idejh il-Papa? Hu minnu li, wara li saret il-għaqda ta' l-Istati tal-Knisja, Napuljun kien diġà skumnikat mill-Papa, u, li dik il-ħabta, il-Papa kien priġunier ġewwa Savona. Iżda ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet ma kienet tiswa, għax l-iskomunika ma kenitx is-semmi direttament lil Napuljun, u, għalkemm il-Papa kien priġunier, kien jista' jwieġeb għal kull talba li kienet issirlu. Għalhekk is-sentenza li tat il-Qorti ta' Pariġi xejn ma kienet tiswa bħalma stqarr il-Papa nnifsu fil-protesta tiegħu u bħalma żammew 13-il kardinal li ma ridux jieħdu sehem fit-Tieġ ta' Napuljun ma' M. Lwiża.

Iżjed: ir-raġuni li ġiebet l-ewwel Qorti biex tgħid li ż-żwieġ ta' Napuljun ma' Ġużeppina ma kienx jiswa, kienet in-nuqqas tal-*forma* taż-żwieġ, li hi ħaġa meħtieġa u li għandha ssir biex iż-żwieġ ikun jiswa, u t-tieni Qorti żiedet tgħid li l-Imperatur kien jonqos il-*kunsens*. Kienet tonqos il-*forma* għax iż-żwieġ ma sarx quddiem il-Kappillan tal-għarajjes u quddiem ix-xhieda kif kien irid il-Konċilju ta' Trento. Ara kemm hu hekk, it-tieġ ta' Napuljun sar quddiem il-Kardinal Fesh u mingħajr xhieda. Mela ż-żwieġ ta' Napuljun kien *klandestin* u għalhekk mhux magħruf mill-Knisja. Iżda, għalkemm hu hekk, trid tara jekk il-Papa kienx ħeles lill-Imperatur minn din il-*forma* meħtieġa. Il-Kardinal Fesh, meta ġie mistoqsi mill-Qorti fuq din il-ħaġa, stqarr li, meta l-Imperatur talbu biex iżewġu mingħajr xhieda, qallu li dan ma jistax isir għax inkella ż-żwieġ ma jkunx jiswa; imma, wara li l-Imperatur talbu u raġa' talbu biex iżewġu mingħajr xhieda, il-Kardinal telaq għal għand il-Papa biex jitolbu d-*dispensa* meħtieġa. Il-Papa, żied igħid il-Kardinal, minnufih tah id-dispensa meħtieġa għalkemm il-Kardinal ma kien semmielu xejn fuq in-nuqqas tax-xhieda u għalhekk, imbagħad hu bierek iż-żwieġ ta' Napuljun ma' Ġużeppina.

Iżda hawn għandna x'ingħidu wkoll. Hu minnu li l-Papa seta' jeħles lill-Imperatur mill-*forma* meħtieġa; huwa wkoll minnu li l-Kardinal imsemmi mar għand il-Papa għal tapposta. Imma, min-naħa l-oħra, meta l-Papa ta d-dispensa bi kliem *ġenerali*,

nistgħu forsi nkunu ċerti li l-Papa kien qiegħed jifhem jeħles lill-Imperatur mid-Digriet *Tametsi* tal-Konċilju ta' Trento? Jekk il-Qorti ta' Pariġi kellha quddiem għajnejha dan id-dubju, ma setgħet qatt taqta' u tgħid li dak iż-żwieġ ma kienx jiswa.

Kien jonqos il-kunsens fl-Imperatur, qalet it-tieni Qorti. Ma għandniex x'ingħidu, jekk dan kien minnu ż-żwieġ ma kienx jiswa għax il-kunsens hu li jagħmel iż-żwieġ (ara l-Kan. 1081). Iżda din hi ħaġa l-iktar tqila fil-kawżi taż-żwieġ, għax trid tipprova fid-dieher in-nuqqas tal-kunsens jew, għall-inqas, is-sħuħija tiegħu, biex tgħid li ż-żwieġ ma kienx jiswa. Meta l-kunsens *minn barra* jkun jidher sħiħ u ma jonqsu xejn, il-Knisja dejjem iżżomm li jkun hemm ir-rieda jew il-kunsens ġewwieni sakemm ma jkunx hemm provi ċari (ara l-Kan. 1086 u 1014).

Issa nerġgħu għaż-żwieġ ta' Napuljun ma' Ġużeppina. F'dak iż-żwieġ l-Imperatur kien ta l-kunsens tiegħu jew le? Il-Qorti metropolitana qalet li le għax l-Imperatur kemm-il darba, meta kien għadu ma żżewwiġx bil-Knisja, ried jinfired minn Ġużeppina għax din kienet ħawlija; u dan kienet tafu Ġużeppina nnifisha għax hi kienet li ġagħlet lill-Papa Piju VII jitlob lill-Imperatur biex jiżżewwiġha qabel l-inkoronazzjoni tiegħu. Il-Qorti ipprovat ukoll li l-Imperatur telgħulu mhux ftit meta sar jaf b'din il-għaġla, u x-xiehda Berthier, Ducroc u Talleyrand ħalfu li l-Imperatur qatt ma ried jagħti l-kunsens tiegħu fiż-żwieġ ma' Ġużeppina iżda biss għamel tabirruħu jiżżewwiġha biex ma jiksrilhiex qalbha għax kien tabilħaqq iħobbha. U sewsew għalhekk l-Imperatur ma riedx xiehda fiż-żwieġ, biex ikun jista' jinfired minnha 'l quddiem.

Hawn għandna provi biżżejjed fuq in-nuqqas tal-kunsens fl-Imperatur ta' min joqgħod fuqhom; u sewsew għalhekk il-Qorti metropolitana qatgħet li ż-żwieġ ma kienx jiswa. Appell ieħor għal quddiem Qorti ogħla ma kienx meħtieġ, bħalma anqas hu meħtieġ il-lum (ara l-Kan. 1987), għax iż-żewġ sentenzi li taw iż-żewġ Qrati kienu jaqblu. Iżda dejjem jibqa' minnu li ebda waħda minn dawk iż-żewġ Qrati ma kellha l-jedd tiegħu f'idejha dik il-kawża. Għalhekk iż-żwieġ ta' Napuljun ma' Marija Lwiża ma setax isir.